# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 21 ta' Mejju 2002**

**Avviz numru 242/02**

**Numru 8**

**United Acceptances Finance Ltd**

**vs**

**Monica Azzopardi u Joachim Azzopardi in solidum**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet li l-konvenuti "in solidum" jigu kundannati jhallsu s-somma ta' Lm2,304.00,0 (elfejn, tlett mija u erba' liri Maltin) import ta' kambjali mill-konvenuti accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu annessi mal-avviz u mmarkati Dok 1 sa 24, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gew interpellati sabiex ihallsu.

Bl-imghaxijiet mid-data ta’ kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali u tal-mandati kawtelatorji li gew prezentati mal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-kopji tal-kambjalijiet in kwistjoni annessi ma’ dawn l-atti u markati Dok “1” sa “24” (fol 2 sa fol 25 tal-istess atti).

Semghet lill-konvenut “seduta stante” jammetti t-talbiet attrici, kemm f’ismu kemm f’isem martu, l-konvenuta Monica Azzopardi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti “in solidum” bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm2304.00,0 bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ skadenza ta’ kull kambjala esebita in atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali msemmija fl-avviz in esami u tal-mandati kawtelatorji msemmijin fl-istess avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur